Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 30/2019

Il-Pulizija
(Spettur Colin Sheldon)

Vs

Clinton Azzopardi

Illum 3 ta' Ottubru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Clinton Azzopardi detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0198984M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fit-13 ta' Novembru 2018 ghall-habta ta' 22:00hrs fi Triq Buqana, Rabat, Malta, saq il-vettura numru DGV 176:

1. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura numru LCW 783 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Sarah Jane Norris;

2. U meta kien involut f'incident tat-traffiku ma' vettura numru LCW 783 naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi u/jew naqas li jirrapporta l-imsemmi incident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali;

3. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;

4. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Jannar 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikli Kap 9 Artiklu 328 (d), L.S. 65.11 mvr 67 (1) (5), Kap 65 Artiklu 15 (1) (a) (2) sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal multa ta' elf ewro (Euro 1,000), xahar sospensjoni tal-licenzji kollha tieghu tas-sewqan u tnax-il punt fuq il-licenzji tieghu kollha tas-sewqan.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Clinton Azzopardi, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Frar 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-28 ta' Jannar 2019 li nghatat ingustament u kontra l-ligi u minnha tilliberah minn kull htija, multa u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Clinton Azzopardi huwa s-segwenti u cioè:-

Id-data tal-incident ma gietx ppruvata u dan kien certament aggravju principali li l-ewwel kienet inokkurranti ghalih.

Illi l-aggravju principali huwa illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet konsiderazzjoni zbaljata u skorretta tal-provi prodotti u ma osservatx il-minimu tal-grad tal-prova necessarja fil-Kamp Kriminali in kwantu l-provi prodotti ghandhom per necessita' jkunu provi lil hemm minn kull dubju u f'kaz ta' provi kuntrarji dawn jimmilitaw li jilliberaw lill-imputat mhux jikkundannawh.

Illi x-xhud tal-prosekuzzjoni Sarah Jane Norris kienet xhud uniku u hija provdiet verzjoni totalment opposta ghal dik tal-imputat. L-ewwel Qorti skartat kull possibilta'

ta' kunflitt ta' provi li bir-rispett irrizultaw ampjament f'xhieda ferm inkonsistenti u mimlija anomaliji dwar l-akkadut. Inoltre x-xhieda ta' dan ix-xhud kellhom ghal tal-inqas jigu kkorraborati u konfrontati ma' provi tal-kawza fosthom l-affidavit ta' PS 1243 G. Polidano esebit mill-prosekuzzjoni li izda gie ingustament skartat mill-Qorti fid-decide taghha ghalkemm id-difiza sahqet u sostniet li PS 1243 ezamina l-vettura u ma sab ebda hsarat kif allegat mix-xhud Sarah Jane Norris. Dan kien sar dakinhar tal-incident u ghalhekk anke l-verzjoni li ta l-imputat a tempo vergine kienet wahda identika f'kull aspett ghal dak li ta quddiem l-ewwel Qorti. Kwindi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tiskarta tali xhieda tal-prosekuzzjoni stess b'dan il-mod.

Il-hsarat allegati setghu jitwemmnu li kieku rrizultaw kompatibbli ma' hsarat fuq il-vettura tal-akkuzat meta in atti s-Surgent jikkonferma li ma kien hemm ebda hsarat riskontrati. Il-manuvri spjegati mill-mara kienu jikkawzaw incident serju u hsarat estensivi u mhux telf ta' number plate u cracked mirror.

**Apprezzament tax-Xhieda Viva Voce**

Ix-xhud Sarah Jane Norris naqset li tiftakar id-data tal-incident. Kwindi l-Qorti ma setghet qatt tasal ghall-htija skont l-akkuza li fil-kamp Kriminali hija aspett verament kritiku u ta' importanza. Ix-xhud ikkonfermat anke fuq domandi diretti tal-Qorti "I do not remember the date but it was in September October, I remember because it was after my pregnancy and I had just started to drive again". Hija kwindi ttentat tiftakar ghaliex assocjat iz-zmien ta' meta regghet bdiet issuq wara li twelditilha t-tarbija u kwindi certament l-Qorti kellha taghti kaz ghall-aspett tal-gurnata tal-allegat incident u anke tal-kundizzjoni li fih kienet meta bdiet terga' ssuq u cioe' omm li kellha fil-vettura tarbija fl-istess karozza u fi granet meta regghet bdiet issuq.

Illi l-ewwel Qorti semghet lix-xhud tispjega b'certu dettal li hija kienet ilha ma ssuq il-karozza taghha minhabba t-tqala u hija kienet tiela' minn quddiem il-petrol station ta' Micallef taht l-Imdina meta l-karozza taghha bdiet tiskossja u thabbatha u kienet qed

tibza' minhabba t-tarbija li kellha fl-istess karozza. Tant kien hekk illi tirrakkonta li kienet sejhet lil tal-RMF ghall-assistenza u kienu sabulha wire disconnected.

Kwindi l-ewwel Qorti kellha accertament mix-xhud kwerelanti li l-vettura taghha ma kinitx fi stat tajjeb u ma kinitx funzjonanti sabiex tinstaq regolarment; fattur li l-ewwel Qorti skartat kompletament ghalkemm id-difiza sostniet li dawn kienu provi li hargu b'mod spontanju, regolari u naturali minghand l-istess kwerelanti.

Minn ezami tal-affidavit ta' PS 1243 hemm a tempo vergine deskrizzjoni ta' kif kienet qed tinstaq il-vettura tal-mara LCW-783 u litteralment jispjega; pagna 4 affidavit; "Hu stqarr li hu kien tiela' t-telgha tal-Mosta u hi bdiet tieqaf u timxi, tieqaf u timxi, u l-hin kollu beda jissaportiha u f'daqqa wahda filli kienet qed issuq bis-60 km u filli waqfet zoptu".

Dan kollu jindika x-xhieda veritiera li rega' kkonferma bil-gurament l-imputat quddiem l-ewwel Qorti. Huwa ma kienx jaf kif ser tixhed il-kwerelanti Norris u kif hija in Awla spjegat hija stess xi hsarat kellha l-vettura taghha kwindi kien stabbilit lil hemm minn kull dubju li l-vettura kellha hsarat u kienet qed tinstaq bid-diffikolta', dan kollu kompatibbli ezattament ma' dak li l-imputat kien spjega lis-Surgent u li kkonferma in awla viva voce.

Illi l-ewwel Qorti ghalhekk kellha konferma illi l-imputat kien wara vettura tal-kwerelanti li bdiet tiskossja u taghmel manuvri li wiehed ghandu legittimament jibza' minnhom u jiehu kull prekawzjoni u evazjoni biex ma jsehhx incident u kien fil-mument li quddiemu kien qed jara din il-vettura ggib ruhha b'mod irregolari li huwa qabizha.

Jidher illi l-kwerelanta kien qed ikollha paniku sia ghaliex il-vettura taghha kellha l-hsarat u sia ghaliex kellha t-tarbija taghha ta' 11-il gimgha li inevitabilment seta' kkawza alarm li ma kellu x'jaqsam xejn mieghu l-imputat li l-unika sfortuna kien li nzerta wara l-vettura taghha.

Illi fl-istatement ta' PS 1243 hemm li l-mara irraportat li kien hemm in-number plate nieqes u kienet hasset daqqa minn wara. PS 1243 jsostni li ma kellha ebda hsarat tant li jghid; "imma ma garrbet ebda hsara fuq il-bumper ta' wara". Vide pagna 2 tal-affidavit.

A tempo vergine l-imputat kien irraporta lis-Surgent li l-vettura diga' kellha number plate nieqes meta kien warajha u s-Surgent jikkonferma li ezaminalu l-vettura u ma kellhiex hsarat.

Kwindi l-ewwel Qorti certament ma ezaminatx dawk l-inkonsistenzi li rrizultaw sia fix-xhieda kontrastanti fl-awla u sia mill-verzjonijiet fl-affidavit ta' PS 1243 li dakinhar stess ezamina l-vettura u ma sab ebda hsarat kompatibbli ma' dak li tirrakkonta s-sinjura Norris.

Kunflitt ta' provi assoluti u nuqqas ta' korraborazzjoni totali mill-intervent tal-Pulizija illi nvestigaw il-kaz.

**Aggravji**

Certament l-aggravju manifest huwa l-fatt illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li tiskarta l-fatti kollha rizultanti u tinstab tistrieh fuq il-verzjoni skorretta moghtija mill-kwerelanti. Sahansitra anke l-apprezzament tal-provi l-verzjoni moghtija mill-istess kwerelanti kellhom iwasslu sabiex jigi stabbilit li l-verzjoni tal-imputat kienet attendibbli u mis-sewwa ghaliex il-kwerelanti spjegat li kien qed ikollha problema fil-vettura tant li bdiet tahdmilha hazin; dan kien dak li spjega *viva voce* u anke a tempo vergine lis-Surgent, **"tieqaf u timxi, tieqaf u timxi, tiskossja u tieqaf zoptu."** Dan biss kellu jkun bizzejjed sabiex l-ewwel Qorti tapprezza li l-imputat huwa attendibbli ghaliex l-istess xhieda tal-kwerelanti jikkonfermaw li l-vettura taghha kienet qed tinstaq b'dak il-mod u kienet hija li holqot il-periklu u mhux l-imputat.

Fejn il-Qrati jkollhom verzjoni sostnuta bejn zewg xhieda mhux normali u huwa aggravju manifest li dawn jigu skreditati aktar u aktar meta l-Gudikant ma kellu ebda kontroll fuq l-imgieba tax-xhud fuq il-pedani fejn jista' jikkonstata l-imgieba tax-xhud u jistaqsi domandi u sahansitra konfront f'kazijiet ta' verzjonijiet konfliggenti. F'dan il-

kaz kellha xhud tal-prosekuzzjoni stess jsostni t-tezi tal-innocenza tal-imputat u kontra kull sens u gustizzja l-ewwel Qorti ghazlet il-verzjoni tal-kwerelanti b'dan il-mod kontradittorju.

Illi bir-rispett dovut il-Prosekutur in awla ghazel li jaghmel domanda wahda lill-imputat u din kienet proprju; "**ghaliex ma marx jirrapporta l-kaz lill-Pulizija?**". Bir-rispett dovut dan ma jikkostitwixxix xi prova li l-akkuzat allura kien hati ta' traskuragni u manuvri hziena. Huwa ghamel dak li sewwieq prudenti kien jaghmel f'kaz meta jkun rinfaccjat b'*sudden emergency* bhal dak in ezamina fejn il-vettura ta' quddiemu kienet qed tiskossja tieqaf u timxi u tieqaf zoptu. Wiehed legittimament jaghmel dak li ghamel l-imputat jevita u jiskapula l-periklu. Dak li kull wiehed u wahda minna certament taghmel fl-istess sitwazzjoni.

Huwa jiddeskrivi s-sentenza ingusta bhala verament sitwazzjoni inkredula u surreali ghaliex dak li ghamel kien biss li jevita l-manuvri irregolari tal-vettura ta' quddiemu li kif semghet l-ewwel Qorti kienet ezattament dak li kien qed jigri mill-karozza ta' quddiemu meta l-kwerelanti tghid li kellha problema fil-karozza. Dawn huma kollha aggravji mressqa u interposti u ghandhom jwasslu ghal-liberatorja minn kull akkuzi u htija tal-imputat.

**Aggravji**

Is-sentenza wkoll hija wahda ingusta ghaliex ma tindikax fuq liema mill-akkuzi instabet htija u wiehed jehtieg jassumi li hija htija kumplessiva. L-ammont ta' €1,000 multa hija multa resa applikabbli taht l-Artiklu 328 (d) tal-Kap 9 li kif premess hija htija kontestata bil-qawwa kollha kif ukoll il-piena ta' sentenza ta' sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal xahar certament mhux idonja fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. L-imputat huwa persuna li jahdem bhala xufier mal-kumpanija distributtrici u ghalhekk l-ghixien tieghu jiddependi mis-sewqan. Huwa aggravju li jinghata sospensjoni ta' xahar u inoltre jinghata tnax-il punt tnaqqis. It-tnax-il punt jimplikaw li ghandu sospensjoni ulterjuri

tal-licenzja tas-sewqan u dan ma jaghmilx sens guridikament ghaliex hija kontradizzjoni li jinghata l-istess import ta' sospensjoni doppjament.

Illi jinghad biss in kwantu u in referenza tal-piena minghajr ma jnaqqas l-insistenza tal-innocenza assoluta fil-kaz odjern tal-imputat appellanti li mill-provi rrizulta li ma kellu ebda tort jew nuqqas ghaliex rinfaccjat b'manuvri rregolari u perikoluzi kkawzati mill-vettura li kellha hsarat quddiemu fattur li rrizulta in awla fil-bidu tax-xhieda taghha li tispjega kif il-vettura kienet qed ittieha problemi u li sussegwentement meta giet mar-*roundabout* qabizha u hija ppruvat tilhqu u bdiet tghajjru. Hija tikkonferma li sejhet lil RMF u kellha *wire disconnected* kwindi l-konferma tal-hsarat jidher li ingustament gie skartat mill-ewwel Qorti.

Illi bir-rispett dovut f'dan il-kaz ma rrizulta ebda dubju dwar l-irregolarita' tal-istat hazin tal-vettura tal-kwerelanti u anke dan, dato ma non concesso kellhom japplikaw ukoll principji assodati fil-kamp kriminali fejn hemm divergenza bejn zewg xhieda kontrastanti. In dubio pro reo.

**Il-Pulizija vs Carlos Stivala** deciza mill-Qorti tal-Magistrati Dr Joe Mifsud pronuncjata fl-10 ta' Lulju 2017.

F'din id-decizjoni l-Qorti titratta principji komuni tal-kuncett in dubio pro reo u l-grad rikjest sabiex tinstab htija u fil-kaz ta' dubju jew kunflitt ta' provi l-Qorti hija tenuta tassolvi. Fl-imsemmi kaz intqal;

"*Mill-banda l-ohra jekk id-difiza taghzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed ghad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi taghha fuq bazi ta' konvincament morali li jistrieh fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan isehh, u l-Qorti ma thosshiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni lahqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-**Qorti trid tillibera** lill-imputat*".

"Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Joghgbuna jew ma joghgbuniex, dawn huma whud mir-regoli bazilari li jistrieh fuqhom il-procediment penali Malti".

*"L-indipendenza tal-Magistrat u l-oggettivita' tal-gudizzju li jesprimi, jitolbu applikazzjoni attenta u puntwali tal-ligijiet applikati fil-mument. Ic-certezza tad-dritt u l-bilanc bejn id-diversi poteri ta' socjeta' demokratika jsibu s-sintesi taghhom fil-principju tal-legalita', li l-Magistrat ifittex li jhares."*

"Il-Qorti izda taghmilha cara li mhix lesta li tkun zvijata u **incident jinghata dimensjoni differenti** tant li johloq allarm bla bzonn fis-socjeta'. Meta jigri kif gara f'dan il-kaz flok simpatija mis-socjeta' lejn il-Korp tal-Pulizija **jinholoq sens ta' thassib**. Kemm din il-Qorti, kif ukoll l-Qorti li l-imputat originarjament tressaq quddiemha inghataw l-impressjoni li dan kien kaz fejn l-imputat saq fuq il-Pulizija. Dan il-fatt gie eventwalment ripetut lill-Magistrat tal-Ghassa meta huwa gie mressaq u kien fattur strumentali biex l-imputat ma jinghatax il-helsien mill-arrest u li kieku din il-Qorti ma kinitx attenta kienet se zzomm lill-imputat gewwa".

*"Wara li l-imputat talab ghall-helsien mill-arrest quddiem din il-Qorti, l-ufficjal prosekutur oggezzjona u, fost ir-ragunijiet imqajma minnu, kien hemm il-perikolu tal-intralc fil-provi proprju minhabba l-fatt li l-familjari tal-imputat kienu avvicinaw lis-sidien tas-CCTV biex jakkwistaw dan il-filmat. Il-qraba tieghu, ghamlu sewwa li fittxew jakkwistaw xi filmat tal-incident biex juru li din id-dikjarazzjoni ma kinitx veritjiera. Il-Qorti taghmilha cara li kieku kellha tistrieh **biss** fuq il-provi tal-prosekuzzjoni minghajr il-filmat, l-istampa tal-incident li kienet tohrog kienet tkun wahda kompletament differenti"*.

Fil-kaz odjern mhux si tratta ta' kunflitt ta' provi jew provi konfliggenti fejn il-gudikant jista' jaghzel verzjoni mill-wahda opposta kif kien premess fil-kaz Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet <u>Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**</u>:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*.

Fil-kaz odjern hemm xhud tal-istess prosekuzzjoni, li hija l-kwerelanti nnifisha li tispjega l-Qorti li kien qed jkollha diffikolta' fil-vettura, li kellha hsarat serji li ssewwew u kienu jehtiegu talba tal-intervent tal-RMF u li di piu' kienet allarmata ghaliex kienet ilha ma ssuq wara li kellha tarbija u li fl-istess vettura kien hemm it-tarbija ta' hdax-il xahar.

Illi l-ewwel Qorti kellha tikkunsidra dawn il-provi u kienet tenuta tosserva l-principju li ghas-sejbien ta' htija kellu jkun hemm provi lil hinn minn kull dubju, u dan ghaliex il-provi xejnu kompletament il-htija tal-imputat skont l-akkuzi tal-prosekuzzjoni u l-istess provi viva voce u a tempo vergine qed jikkorroboraw it-tesi tad-difiza u l-verzjoni tal-imputat. Dan huwa aggravju li din l-Onorabbli Qorti zgur ghandha tikkunsidra sabiex tasal sabiex tillibera l-imputat appellant.

Semghet il-partijiet jittrattaw dan l-appell fis-seduta tat-23 ta Lulju 2019.

Ikunsidrat.

Rat l-affidavit rilaxxjat minn **PS 1243 G. Polidano** mahluf fil-15 ta' Novembru, 2018 fejn stqarr li nhar it-13 ta' Novembru 2018 ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl (22.00pm) waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat gie infurmat minn PC 629 li waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa ta' Haz Zabbar, Sarah Jane Norris irraportat flimkien mat-tifel taghha Tristan Norris kaz ta *'hit and run'*

Meta staqsa lil Sarah Norris x'kien gara u sabiex ittieh id-dettalji spjegatlu li ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl, ta dak in-nhar stess kienet qed issuq hdejn il-pompa tal-petrol maghrufa bhala *'J Micallef'* li tinsab fi Triq Buqana, meta l-vettura ta' warajha bdiet itteptpilha d-dawl u x-xufier beda jaghmlilha gesti biex ma tibqax issuq bil-mod. Sarah qaltlu li bdiet issuq bil-mod minhabba li maghha kellha t-tifel Tristan u tifel ta hdax-il gimgha. Kompliet tghid li kompliet issuq meta f'daqqa wahda hasset daqqa minn wara u f'dak il-hin l-istess vettura qabzitha, imma meta gew vettura ma vettura hu pprova jidhol fiha u dan ghamlu ghal erbgha darbiet. Waqt din il-manuvra l-vettura taghha garbet hsarat fuq il-mera tan- naha tax-xuffier.

Sarah kompliet tghidlu li din il-vettura meta giet quddiemha kompliet issuq u f'daqqa wahda ibbrejkjat. Wara hi waqfet fil-genb u innotat li bl-impatt kellha n-numru ta' wara ta' numru ta' registrazzzjoni LCW 783 seriel number 1560698 nieqes imma ma garbet l-ebda hsara fuq il-bumper ta' wara.

Hu staqsieha x'numru ta' registrazzjoni kellha l-vettura li laqtitha u hi qaltlu li kien van abjad zghir li kellu riklam ta' '*Cassar Petroleum*' u kellu numru ta' registrazzjoni DGV 176.

Ghalhekk huwa ghamel kuntatt ma' sid il-vettura imsemmija li hu Mark Cassar fejn hu stqarr li l-vetttura imsemmija kienet ghand it-tifel tieghu Emanuel Cassar. Ghalhekk infurma lil Emanuel Cassar biex jirraporta gewwa l-ghassa tar-rabat ghal aktar stharrig.

Ghall-habta tal-hdax neqsin ghoxrin tal filghaxija (22.40pm) gie ikkuntatjat minn Clinton Azzopardi fejn stqarr li dakinhar kien qed jghamel uzu mill-vettura imsemmija. Huwa talbu biex jirraporta l-ghassa tar-Rabat ghal iktar investigazzjoni.

Clinton Azzopardi mar l-ghassa tar Rabat u wara li inghata id-dritt tieghu li jkellem avukat dan irrinunzja li jaghmel dan. Dan spjegalu li verament kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni DGV 176 tal-ghamla Transit Connect u kien sejjer minn Ghawdex. Kien cahad li teptep id-dawl u li kien ghamel xi gesti b'idejh. Zied jghid li fil-hin li ltaqa ma' dik il-mara barranija kien id-dlam. Cahad ukoll li kien mess jew laqghat il-vettura tal-kwerelanti bil-vettura tieghu u li kien ghamel xi manuvri fuqha.

Spjega li kien tielgha it-telgha tal-Mosta u hi bdiet tieqaf u timxi, tieqaf u timxi, u hu l-hin kollu beda jissaportija u f'daqqa wahda filli kienet qed issuq bis-60kmfs u fili waqfet zopptu. Stqarr li f'dak il-hin li waqfet, hu qabizha u hi saqet tigri ghal warajh u bdiet toffendih bl-Ingliz. Cahad li laqatha u meta kien warajha innota li kellha l-bumper ta' wara diga milqut u kellha n-numru ta registrazzjoni ta' wara nieqes.

Huwa sspezzjona il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GDGV 176 fejn irrizulta li din il-vettura ma kellhiex hsarat.

Rat l-affidavit ta' Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta mahluf nhar it-8 ta' Jannar 2019 u dan ikkonferma li l-vettura bin-numru ta registrazzjoi DGV 176 tal-ghamla Ford Transit ta kulur abjad hija registrata f'isem Mark Cassar ghan-nom ta Cassar Fuel Service Station ltd u ilha hekk registrata sa mit-2 ta Gunju 2016.

Rat l-okkorrenza redatt minn **PC 629 Alessandro Schembri** li hi rilfessjoni ta' dak li stqarr PS 1242 G Polidano.

L-kwerelanti **Sarah Jane Norris** xehdet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali u dan nhar it-28 ta Jannar 2019, pero jirrizulta li x-xhieda taghha ma gietx dattilografata u ghalhekk l-istess xhud regghet iddeponiet quddiem din il-Qorti nhar il-25 ta' April 2019.

Xehdet bil-Lingwa Ingliza u qalet li kien l-ewwel darba taghha li kienet qed issuq wara li kellha operazzjoni Cesarja. Kienet qed issuq minn San Pawl il-Bahar sejra lura d-dar Haz Zabbar. Maghha kien hemm it-tifel taghha ta' tlettax-il sena u tarbija ta hdax il-gimgha. Kienet qed tavvicina roundabout u giet karozza ghall-gharrieda u bdiet itteptep id-dawl u idoqq il-horn. Dan kien qed isuq vicin taghha u jitbieghed u jerga javvicinaha u kien qed jintimidaha biex issuq iktar b'ghagla.

Wara li ghaddiet minn fuq ir-roundabaout ghaddieha billi issorpasssaha u beda jhares lejha u jghajjat u jaghmel affarijeit tal-imgienen. Bdiet tghidlu li kellha tarbija hdejha u staqsitu jekk kienx mignun. Qalet li ma tax kasha u baqghet issuq u meta hass li kien intimidaha bizzejjed saq 'l hemm daqs li kieku ma kien gara xejn, bhalikieku dak li ghamel kien normali.

Mistoqsija jekk laqghathiex tghid li l-mera li kellha la genba kienet imnizla pero dak il-hin ma tatx kaz u innutat biha meta marret l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zabbar. Qalet li binha ipprova jiehu xi ritratti pero beda jghajjat u kien trawmatizat. Mistoqsija jekk il-vettura taghha u dik tas-sewwieq messux lil xulxin stqarret li iva messu. Bhala hsarat tghid li kellha in-numru ta registrazzjoni nieqes u xi qasma fil-mera li kellha lagenba. Mistoqsija jekk kienx hemm hsara fuq il-bumper tghid li ma keinx hemm u li gja kellha

barxa fuq il-bumper antecedentement. Ikkonfermat li l-incident sehh fit-13 ta' Novembru 2018.

Mistoqsija kif kienet it-triq tghid li qabel ma waslu ghar-roundabout kien hemm linja wahda u wara ir-roundabout kien hemm zewg karreggjati u tghid li kien qed jipprova jinbottaha. Spjegat li kienet fuq l-inner lane waqt li hu kien fuq l-outer lane

Mistoqsija jekk kelliehx xi hsara fil-vettura qabel dan l-incient tghid li l-vettura kienet ilha wieqfa fil-car park ghall-perijodu ta' tlett xhur qabel dakinhar. Qalet li hasset xi haga minn wara u ma tahsibx li kienet qed timmagina u taf li kien vicin taghha tant li ratlu ghajnejh.

Mistoqsija xi speed kellha tghid li kient mixja bil-mod minhabba l operazjoni li kellha. Kien id-dlam u ma tiehux pjacir issuq bil-lejl. Stqarret li imbaghad marret l-ghassa tal-pulizija ta' Haz -Zabbar u spejgatilhom dak kollu li staqarret hawnhekk. Qalet li waqt li kienet qed issuq il-vettura taghha kienet qed timmisja fil-fatt tghid ex admisses 'jittering' u li kien xi haga fil-connections tal-batterija hazin. Mistoqsija jekk kintix qed timmisja il-hin kollu tghid li le.  Mistoqsija jekk ratx il-qasma fil-mera qabel ma telqet tghid li ma tafx ghaliex kien id-dlam

Mistoqsija jekk hux minnu li meta xehdet quddiem l-ewwel Qorti ma ftakritx id-data tghid li ma tiftakarx x'kien gara dakinhar. Pero qabel ma xehdet quddiem din il-Qorti kient iffriskat il-memorja blli rat xi notamenti dwar l-incident. Qalet li kienet kitbet fuq il-facebook taghha meta kien sehh dan l-incident.

Kkonfermat li wara dan l-incident kienet hadet il-vettura taghha f'garage u kienu sabu li kien hemm wire mal-batterija li kien '*corroded*' u wara li uzaw xi wire brush fuqu regghu kkonnettjawh.

L-appellant **Clinton Azzopardi** ukoll kien xehed quddiem l-ewwel Qorti nhar it-28 ta' Jannar, 2018 u x-xhieda tieghu ma kinitx giet dattilografata u ghalhekk nhar il-25 ta' April, 2019 rega ta d-deposizjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

Spjega li kien tielgha minn fejn il Jupiter tal-Mosta u kien hemm vettura quddiemu. Spjega li din il-karozza kienet tielgha b'ghoxrin km u tieqaf zopptu, terga issuq u mid-direzzjoni opposta kienu gejjin il-karozzi u ghalhekk ma setghax jaqbizha. Dan baqa' ghaddej it-triq kollu. Waslu sa hdejn ir-roundabout ta Buqana jew ghall-Imgarr jew ghall-Mosta u regghu waqfu qabel il-give way u regghet waqfet zoptu u ma jafx ghalfejn u imbaghad baqghu telghin. Regghet qalghet, waqfet ghax kienet gejja karozza u saqu. Mistoqsi x'haseb meta ra dawn il-manuvri jghid li ma jafx ghaliex is-sewwieq tal-karozza kienet qed taghmel hekk pero zgur li l-karozza ma kientix qeda sewwa.

Imbaghad qalaghha meta kienu fi Triq Buqana ghax ma kienux gejjin karozzi, hareg 'l barra u beda tielgha 'l fuq.

Mistoqsi jekk hux minnu li beda irossha jghid li le u dan fl-ebda hin ma kellux ghalfejn irossha. Jaf li baqa' jsuq, kien hemm karozza ohra quddiemhom 'l fuq hafna u baqa' tielgha ghal warajha bil-kwiet. Meta waslu hdejn ic-cimiterju tal-Inglizi mar-roundabaout marret ma' genbu twerzaq u tghajjat. Staqsa x'kellha din il-mara izda qabzitu u baqghet sejra.

Mistoqsi jekk f'xi hin il-van li kien rikeb messha jghid li le fl-ebda hin u filfatt jghid li kien wera r-ritratti tal-vettura tieghu lil-Magistrat fis-seduta.

Meta wasal id-dar cempillu s-surgent tar Rabat u talbu biex jmur l-ghassa biex ikelmu. Mar bil-van u dan flih kollu u qallu li ma kienx hemm xi daqqiet la fil-genb u lanqas fuq quddiem. Qal li mija fil-mija ma ghaddiex vicin taghha. Ikkonferma li kienet gja minghajr number plate fuq wara u l-bumper taghha kien mitfugh 'l gewwa waqt li kien qed isuq warajha. Dak il-hin kien tielgha lura d-dar mix-xoghol ghall-habta tal-10.00p.m. Mistoqsi jekk innervajx ruhu meta hi bdiet tiskossja jghid li le u dan ghaliex xoghlu hu proprju fit-triq xuffier bit-trakkijiet bil-fuel. Jghid li huwa induna li l-vettura ma kinitx qeda sew. Spjega li kien nizel minn Ghawdex u kien ilu isuq xi kwarta pero l-kwerelanti ma kinitx quddiemu fit-triq il-hin kollu. Beda warajha minn hdejn il-Jupiter. Qal li huwa kellu izomm proper look out bilfors ghaliex hi bdiet issuq b'40 imbaghad

tieqaf b'zoptu u wara terga issuq terga tinzel 20 u terga tieqaf zoptu u ghalhekk fl-ebda hin ma qala ghajnejh minn fuqha.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti nhar it-30 ta Mejju 2019 fejn laqghet l-ewwel aggravju tal-appellant u ghaddiet biex tannulla is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u ordnat lil-kaz jigi trattat mill-gdid fuq il-mertu quddiem din l-istess Qorti u ghalhekk poggiet lill-appellant fl-*istatus quo ante* qabel ma inghata is-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi dan hu kaz fejn id-difiza qed tikkontesta il-kwistjoni ta' kredibilta li ghandha tinghata lix-xhud Sarah Jane Norris u dan ghaliex il-provi prodotti aktar jikkonfermaw il-versjoni tal-fatti kif esposti mill-akkuzat milli dik esposta mill-prosekuzzjoni. Id-difiza ssostni li l-akkuzat kien qed isuq wara l-kwerelanti Norris meta il-vettura ta' Norris bdiet ittiha xi problem tant li bdiet tiskossja. L-akkuzat spjega kif l-kwerelnti bdiet isuq u tieqaf f'daqqa u terga issuq sakemm gietu l-opportuntia li jissorpassha. L-akkzuat jichad li f'xi hin messha, jew li kellimha u jghid li fil-fatt hsara fuq il-vettura li kien riekeb hu ma kienx hemm. Jghid ukoll li innota li ma kellhiex number plate waqt li kien qed isuq u kien ghalhekk li ma kienx jaf in-numru ta registrazzjoni taghha. Stqarr ukoll li gja kellha ghafsa fil-bumper u nnota dan waqt li kien qed isuq.

Il-prosekuzzjoni min naha taghha taghti versjoni differenti u tghid li l-akkuzat kien qed isuq wara Norris u beda iteptpilha id-dwal u jintimidha billi jsuq warajha u izomm lura. Qalet ukoll li f'xi hin messha minn wara u aktar tard qabizha u tghajrilha l-mera li kellha la genbha. Norris pero tghid li hija ma indunatx li kien laqatlilha il-mera qabel ma waslet Haz Zabbar u kienet nizlet titkellem mal-pulizija l-ghassa. Tghid li kienet ilha ma issuq ghal xi zmien ghaliex kellha tarbija u li l-vettura taghha kienet ilha fil-car park ghal perijodu ta' tlett xhur. Mistoqsija jekk kellhiex il-hsara qabel ma saqet dakinhar tghid li ma tafx ghlaiex ma tatx kaz. Pero tghid li kienet taf li kellha il-hsara fil-bumper minn qabel. Stqarret ukoll li verament kellha il-hsara fil-vettura taghha u li kien hemm xi wire tal-battery li kien *corroded* u li ghalhekk ma kienx hemm connection tajba. Tghid

li hija ma ratx lill-akkzuat jidhol go fiha minn wara pero hasset id-daqqa. Qalet li kien l-akkuzat li ghadda minn hdejha u insulentha.

Il-proskeuzzjoni resqet ukoll lill-pulizija PS 1242 li ha r-rapport u dan stqarr li Norris kienet qaltlu li s-sewweiq tal vettura DGV176 kien dahal go fiha u telaq 'l hemm. Stqarret li s-sewwieq kien qed isuq vicin taghha hafna minn wara  u laqatha u meta aktar tard issorpassha sahansitra anke mess il-mera taghha tal genb.

L-pulizja tkellmet mas-sewwieq tal-vettura li inzerta kien l-akkuzat u dan ammetta li kien ghaddej minn dawn l-inhawi bil-vettura pero fl-ebda hin ma mess lill-kwerelanti. Spjega kif kienet qed issuq il-kwerelanti u cioe li bdiet tiskossja izzid u tnaqqas u tieqaf hesrem. Qal li kien raha issuq minghajr in-number plate ta' wara u li fl-ebda hin ma messha. Jghid ukoll li kien talab lill-akkzuat jinzel l-ghassa bil-vettura u din giet spezzjonata minnu u ikkonferma li ma kienx hemm hsara fuqil-vettura tal-akkuzat.

Ikkunsidrat.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale[1]:

"*Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit*".

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il- Pulizija vs. Philip Zammit et** [2]u tghid pero' li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

[1] Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890
[2] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Peter Ebejer[3],</u>** dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti iccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **<u>Miller vs. Minister of Pension</u>** [4]- tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza fil-kawza flismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara</u>**[5] fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef[6]</u>** qalet hekk:

---

[3] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997
[4] 1974 - 2 ALL ER 372
[5] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002
[6] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012,

"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn**[7] deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet

"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx" (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** [8]**."**(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**[9] , **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech**[10] , **Il-Pulizija vs.Mohammed Mansur Ali**[11], **Il- Pulizija vs. Mario Pace**[12] (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il- Pulizija vs. Hubert Gatt**[13].

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Ikkunsidrat

---

[7] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003.
[8] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 t' Ottubru 2006.
[9] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012.
[10] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012.
[11] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl- fl-24 ta' Jannar 2013.
[12] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Frar 2013.
[13] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil- 31 ta' Ottubru 2013.

Illi l-Qorti tinnota li, apparti l-kwistjoni li hadd ma ra l-allegat incident isehh, din il-kawza hija ibbazzata fuq provi cirkostanzjali.

Illi l-Qorti ser taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** [14] fejn inghad is-segwenti:

"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.

Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg**[15], fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi.

Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni

tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ippruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**[16]:

[14] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid- 19 ta' Mejju 2014
[15] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998

*"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika"*.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** [17] b'riferenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs. R** [18] jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference"*.

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fil-kawza flismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**[19].

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhet il-grajja

---

[16] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961
[17] 1997 Edition Para 10-3
[18] 1952.
[19] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998

[...]

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-akkuzat li gie investigat a tempo vegine tal-investigazzjoni baqa' konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta xehed quddiem din l-Qorti viva voce minn jeddu zmien wara l-incident.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. […]

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflinggenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[20]:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true*

*the opposing one."*

Illi l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li inghad hawn fuq meta taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-akkuzat.

Illi l-versjoni tal-fatti kif esposti mill-akkzuat ghandhom aktar mis-sewwa u dan ghaliex huwa vero simili dak li stqarr l-akkuzat fid-dawl ta dak li kkonfermat l-istess kwerelanti. Jirrizulta kif stqarr l-istess akkuzat li huwa kien qed isuq wara l-kwerelanti

[20] Moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997

u propju instab warajha wara r-roundabaout li taghti ghal Triq Buqana. Dan hu konfermat mill-kwerelanti. Li l-kwerelanti kienet qed tiskossja, issuq u tieqaf hesrem u dan ukoll sa certu punt ikkolobroat minn dak li stqarret il-kwerelanti li tghid li kellha probelma fis-sewqan u dan ghaliex l karozza ma kinitx qed tahdem sew tant li wara l-mechanic qalilha li kellha xi wire corroded u kellu bzonn il-wirebrush biex rega sar kuntatt mal-batterija. Li l-vettura tal-kwerelanti ma kellhiex number plate skond l-akkuzat u l-kwerealnti tghid li din allegat li inqalghet mad-daqqa pero dwar dan mhiex certa ghaliex meta msitoqsija jekk ratx il-vettura qabel ma saqet tghid li le u izzid tghid li kienet ilha fil-carpark ghal perjodu ta' tlett xhur u ma tinsaqx.

Li hu fl-ebda hin ma mess lill-kwerelanti fuq il-mera jew il-bumper u dan hu ikkonfermat mis-surgent li ra u ezamina il-vettura tal-akkuzat li ma kellha l-ebda hsarat fuqha.

Illi l-fatt li l-kwerelanti ma indunatx li messha meta ghadda minn hdejha izda indunat wara li saqet minn hdejn il Mosta sa Haz Zabbar u rat il-mera imcaqilqa li indunat cioe' nonostante xorta irraportat li l-akkuzat kien involut f'incident u saq 'l hemm.

Ghalhekk fid-dawl ta dawn l-provi kemm cirkostanzjali kif ukoll diretti in vista tax-xhieda tal-partijiet il-Qorti ma hiex tal-fehma li l-akkuzi jirrizultaw provati b'mod sodisfacenti u ghalhekk tiddikajra li mhux qed issib lill-appellant hati u tilliberah minn kull akkuza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur